C/2024/3397

28.5.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11546 — UNICREDIT / ALPHA BANK ROMANIA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3397)

1. Fis-17 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— UniCredit S.p.A. ("UniCredit", l-Italja),

— Alpha Bank Romania S.A. ("Alpha Bank Romania", ir-Rumanija), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Alpha Services u Holdings S.A. (il-Greċja).

UniCredit se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Alpha Bank Romania.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— UniCredit hija istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata li tipprovdi diversi servizzi bankarji u finanzjarji fl-Unjoni Ewropea, bħal servizzi bankarji għall-konsumatur u korporattivi, servizzi tas-suq finanzjarju u servizzi finanzjarji oħra,

— Alpha Bank Romania hija istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata li jipprovdi diversi servizzi bankarji u finanzjarji fir-Rumanija, bħal servizzi bankarji għall-konsumatur u korporattivi, servizzi tas-suq finanzjarju u servizzi finanzjarji oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11546 — UNICREDIT / ALPHA BANK ROMANIA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.